# KUNSILL LOKALI LIJA

TRIQ ROBERT MIFSUD BONNICI, LIJA
TEL. 21416111 FAX 21416941

## MINUTI – LAQGĦAT TAL-KUNSILL

## IS-SITT KUNSILL

## SEDUTA NR 9 – l-GIMGHA 12 TA' MARZU 2010

Il-Kunsill iltaqa' fl-uffiċċju amministrattiv tiegħu f'Triq Robert Mifsud Bonnici Ħal Lija fil-5.00p.m.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti : | Dr. Ian Castaldi Paris | Sindku |
| | Sinjura Magda Magri Naudi | Viċi Sindku |
| | Sur Jeremy Anthony Dalli | Kunsillier |
| | Sinjorina Lorraine Farrugia | Kunsillier |
| | Dr. Marc Sant | Kunsillier |
| | Sur Alfred Buhagiar | Segretarju Eżekuttiv |
| Pubbliku : | Ma kienx hemm pubbliku preżenti | |

## 1. KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

1.1 Il-Minuti ġew approvati u ffirmati mis-Sindku u S-Segretarju Eżekuttiv. Proposti mis-Sinjura Magda Magri Naudi, sekondant is-Sinjorina Lorraine Farrugia. Ġew ukoll approvati lista ta' pagamenti.

## 2. EU FUNDS

**2.1 APPLIKAZZJONI GHAL FONDI**

2.2 **Memo 45/2010** – Kuntratti gooda dwar resurfacing ta' toroq b'sistema ta' Public Private Partnership.

2.3 Il-Kunsill ha hsieb .permezz tal-Perit John Rizzo Naudi biex jipprepara valutazzjoni / stimi biex isir xoghol ta resurfacing fi tlett toroq tal-lokalita. Dawn huma : Vjal Trasfigurazzjoni, Triq Robert Mifsud Bonnici u Triq Annibale Preca.

2.4 L-ittra ta' l-applikazjoni ffirmata mis-Sindku u s-Segretarju flimkien ma stima detalljata tal-Perit, kienet depozitata by hand fil-11.30a.m. fit-23 ta' Marzu 2010 saghtejn wara li l-Kunsill kien ircieva il-Memo 45/2010 permezz ta' e-mail.

2.5 **Memo 27/2010** – Skema ta' finanzjament ta' progetti specjali f'lokalitajiet zghar.

2.6 Il-Kunsill issottometta applikazzjoni biex permezz tal-Memo imsemmija hawn fuq ikun jista jaghmel instalazzjoni ta' bankijiet godda fi Triq Trasfigurazzjoni u biex ikompli izid lanterni ornamentali fi Triq Trasfigurazzjoni mit-Torri Belvedere l-isfel lejn in-naha tar-roundabout.

2.7 **Memo 46 / 2010** – MEUSAC – Ghajnuna fil-mili ta' l-applikazzjonijiet ghal-progetti that il-programmi ta' fondi ta' Unjonii Ewropea

2.8 Wara Diversi laqghat il-Kunsill beda l-process ta' applikazzjoni biex ikun jista' jibbenefika mill-fondi tal- l-ERDF (European Regional Development Funds) funds. Permezz ta' dan il-programm qed ikun propost li tinzamm Heritage Walk fil-Village Core ta' Hal Lija.. Din il-mixja tkopri postijiet ta' interess – Villa Francia, Villa Parisio, Is-Salvatur il-Qadim, il-Kappella tal-Belia, Il-Knisja Parrokkjali u l-Mithna ta' L-ghadirijiet. It-Torri Belverdere ghandu jkun il-post li minnu tingabar l-informazzjoni dwar din il-mixja.

2.9 Il-Fondi mitluba ghandhom ikopru l-ispejjes biex isiru signage, reklami u attivitajiet kulturali f'dawn il-postijiet permezz ta' esebizzjonijiet.

2.10 Il-Fondi ghandhom ikopru ukoll l-ghajnuna necessarja biex isir restawr fit-Torri Belvedere, il-Mithna ta' l-ghadiriet u upgrading ta' toroq.

2.11 Skema Attivita Sportiva – Il-Kunsill iffirma ftehim ghall-ghajnuna finanzjarja mad-Dipartiment tal-Gvern Lokali that l-iskema Attivitajiet Sportivi. Il-Kunsill intrabat li jorganizza attivitajiet flimkien ma ghaqdiet Sportivi li ghandhom ikunu finanzjati mill-Kunsill flimkien mad-Dipartment that is-Segretarjat Parlmentari ghaz-zaghzagh u Sports.

## 3. DEVOLUZZJONI TAT-TORRI BELVERERE

3.1 Il-Kunsill unanimament approva l-proposta tas-Sindku, Dr Ian Castaldi Paris, sekondat mis-sinjura Magda Magri Naudi biex tkun konfermata t-talba ta' devoluzzjoni lokali fir-rigward tat-Torri Belvedere fi Triq Trasfirgurazzjoni.

3.2 Il-Kunsill matul dawn l-ahhar sittax-il sena ha hsieb l-amministrazzjoni u l-manutenzjoni ta' dan il-post. Fis-sena 1995, it-Torri kien gie restawrat mill-Kunsill bl-ghajnuna tal-Gvern centrali.

3.3 Fil-prezent dan it-torri jinhtieg aktar restawr u biex dan jista' jitwettaq il-Kunsill qieghed japplika permezz tal-MEUSAC biex ikollu ghajnuna mill-programm ta' l-ERDF.

3.4 Ghal din ir-raguni, id-devoluzzjoni lokali ta' dan il-post hija ferm importanti biex dan ix-xoghol ta' restawr jista' jitwettaq.

## 4. HARGA KULTURALI

4.1 Il-Kunsill qabel li tkun organizzata harga kulturali fi tlett postijiet fejn hemm l-esebizzjoni tal-vari tal-Gimgha l-Kbira. Il-programm ghandu jkun b'dan il-mod :

Il-Kunsill Lokali ta' Ħal Lija ser jorganizza ħarga oħra li fiha nżuru l-vari tal-Ġimgħa l-Kbira ta' dawn il-postijiet. Iz-Zejtun,Il-Birgu, L-Isla

**al-Kunsill f'din il-kawza ghad ma ghandux dettalji ta' l-ispejjes li hemm sallum pero xtaq jinforma li l-Kunsill diga ghamel il-hlas biex tinfetah il-kawza.**

5.1 L-Avukat ghandu jghaddi ukoll transcript ta' dak li sehh fis-seduti li nzammu sa issa.

## 5. ROTOT GODDA TA' TRASPORT

6.1 Il-kunsilliera qablu unanimament biex jinzammu tahditiet ma’ l-ADT possibilment ikunu rotot godda fil-ftehim il-gdid fit-trasport pubbliku.

6.2 Ir-raguni ghal dan is-suggeriment hija l-problema ghar-residenti li joqghodu lejn in-naha tal-Mirakli biex dawn juzaw it-Trasport Pubbliku.

## 6. ATTIVITA KULTURALI

7.1 Is-Sinjorina Lorraine Farrugia ghamlet suggeriment biex tinzamm attivita kulturali mill-ghaqdiet tar-rahal flimkien mal-Kunsill Lokali.

7.2 Hija semmiet diversi punti dwar dak li kienet qed tisugerixxi biex isiru f’din l-attivita.

7.3 Il-kazini tal-baned u ghaqdiet fir-rahal ghandhom ikunu mistiedna biex jiehdu parti f’din l-attivita li ghandha tinzamm ghal-ahhar ta’ Awissu f’diversi toroq tal-lokalita.

7.4 Il-Kunsilliera qablu ma dan is-suggeriment biex tinzamm din l-attivita u ghalhekk stiednu lis-Sinjorina Lorraine Farrugia biex fil-laqgha li jmiss tipprezenta aktar dettalji halli tigi diskussa din il-proposta aktar fid-dettal.

## 7. GBIR TA’ SKART SEPARAT

8.1 Wara li l-kunsilliera iddiskutew il-proposti li kienu ipprezentati minn ufficjali ta’ zewg ditti Awtorizzati – Green Pak u Green MT biex jaghmlu dan ix-xoghol, fuq proposta tas-Sindku Dr Ian Castali Paris, sekondat mill-Vivi Sindku is-Sinjura Magda Magri Naudi, il-Kunsill unaniment approva biex il-kuntratt ta’ Gbir ta’ skart separate jinghat lill-Green Pak.

**5.1** .

**5.2** Il-laqgħa ġiet fi tmiemha fis-7.30p.m.

Il-Laqgħa li jmiss ser tinżamm nhar il-Hamis 8 ta’ April 2010. fil-5.00p.m..

| | |
|---|---|
| Dr. Ian Castaldi Paris | Sur Alfred Buhagiar |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |